

Brussell, 26 ta' Frar 2026  
(OR. en)

6634/26

CONSUM 55	CLIMA 82
COMPET 228	ENV 158
MI 170	DIGIT 49
IND 134	TELECOM 84
ENT 36	SAN 105
JUSTCIV 29	AUDIO 30
EF 44	CYBER 78
ECOFIN 243	CHIMIE 21
TRANS 95	RC 5
ENER 86	

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 26 ta' Frar 2026

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 6073/1/26 REV 1

---

Suġġett: Konklużjonijiet dwar l-Aġenda tal-Konsumatur 2030 (approvati fis-  
26 ta' Frar 2026)

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aġenda tal-Konsumatur 2030, approvati mill-Kunsill fl-4158 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Frar 2026.

## Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aġenda tal-Konsumatur 2030

### FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fit-22 ta' Frar 2021<sup>1</sup> dwar l-"Aġenda tal-Konsumatur Ġdida"<sup>2</sup> u
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2025<sup>3</sup>, li jenfasizzaw, fost affarijiet oħra, l-importanza tal-protezzjoni tal-minorenni;

FILWAQT LI JIEĦU NOTA tar-rapport dwar il-futur tas-Suq Uniku ppreżentat minn Enrico Letta<sup>4</sup>, li jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ is-Suq Uniku biex jiġu appoġġati l-kompetittività u r-reżiljenza, waqt li jirrikonoxxi li l-protezzjoni tal-konsumatur u l-kompetittività jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u li l-fiduċja tal-konsumatur tirked il-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku, u jenfasizza wkoll il-ħtieġa għal simplifikazzjoni u li t-tisħiħ tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur huwa kruċjali għall-bini ta' Suq Uniku li jaħdem għal kulħadd;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar:

- "Boxxla għall-kompetittività tal-UE"<sup>5</sup>
- "Sett ta' għodod komprensiv tal-UE għal kummerċ elettroniku sikur u sostenibbli"<sup>6</sup>
- "Is-Suq Uniku: is-suq domestiku Ewropew tagħna f'dinja incerta"<sup>7</sup>

FILWAQT LI JFAKKAR fid-Dikjarazzjoni ta' Jutland: It-tiswir ta' dinja online sikura għall-minorenni;

---

<sup>1</sup> ĠU 2021/C 154/05.

<sup>2</sup> COM(2020) 696 final.

<sup>3</sup> EUCO 18/25.

<sup>4</sup> Enrico Letta: "[Much more than a market](#)" (Ħafna aktar minn suq - mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>5</sup> COM(2025) 30 final.

<sup>6</sup> COM(2025) 37 final.

<sup>7</sup> COM(2025) 500 final.

FILWAQT LI JENFASIZZA l-iżviluppi ġeopolitiċi attwali u l-impatt konsiderevoli tagħhom fuq il-konsumaturi madwar l-Unjoni, b'mod partikolari fl-Istati Membri l-aktar affettwati;

FILWAQT LI JENFASIZZA l-isfidi relatati mal-kooperazzjoni internazzjonali marbuta ma' operaturi ta' pajjiżi terzi u ktajjen tal-provvista globali, bħala riżultat tal-iżviluppi ġeopolitiċi attwali, li għandhom ukoll impatt konsiderevoli fuq il-konsumaturi;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-benefiċċji li l-ekonomija diġitali għabet lill-konsumaturi, u n-natura dejjem aktar omnikanal tar-relazzjonijiet bejn in-negozji u l-konsumaturi, l-evoluzzjoni rapida u l-użu dejjem akbar ta' teknoloġiji u għodod diġitali ġodda, bħall-Intelliġenza Artifiċjali (IA) fis-setturi kollha;

FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-liġi tal-konsumatur tal-UE tkompli tipprovdi livell għoli ta' protezzjoni u awtonomizzazzjoni tal-konsumatur fl-ambjent diġitali fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u l-mudelli kummerċjali u x-xejriet tal-konsum li qed jevolvu malajr;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-konsumaturi, li huma esposti għal prattiki dannużi u riskji severi, speċjalment fid-dinja online, u FILWAQT LI JENFASIZZA li jenħtieġ tingħata attenzjoni speċifika lill-protezzjoni tal-konsumaturi vulnerabbli, b'mod partikolari lill-minorenni;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li filwaqt li ċerti konsumaturi, bħall-minorenni, il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni akbar fl-età, jitqiesu vulnerabbli, il-vulnerabbiltà tal-konsumatur hija wkoll dinamika u dipendenti fuq il-kuntest;

FILWAQT LI JFAKKAR fit-tkabbir esponenzjali fil-kummerċ elettroniku, li jibdel b'mod profund il-mod kif il-konsumaturi u n-negozji jinteraġixxu; FILWAQT LI JENFASIZZA ż-żieda ta' prodotti tal-konsumatur mhux sikuri u altrimenti mhux konformi li jiċċirkolaw fis-Suq Uniku, li joriġinaw l-aktar minn barra l-UE u spiss jiġu kkummerċjalizzati bl-użu ta' tekniki qarrieqa u aggressivi, b'mod partikolari permezz ta' pjattaformi online; FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li dan jipperikola lill-konsumaturi u lill-ambjent, iżid il-konsum tar-riżorsi u jesponi lin-negozji Ewropej konformi għal kompetizzjoni iġusta;

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-ġhodod diġitali, bħall-Passaporti Diġitali tal-Prodotti u l-IA, għall-infurzar tar-regoli dwar is-sikurezza tal-prodotti u l-protezzjoni tal-konsumatur, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri u t-tnaqqis tal-piżijiet għan-negozji u l-awtoritajiet, filwaqt li jiġu indirizzati d-disparitajiet fil-kapaċitajiet ta' infurzar filwaqt li titqies in-newtralità teknoloġika;

FILWAQT LI JENFASIZZA li t-tiżiħ tal-protezzjoni u l-edukazzjoni tal-konsumatur, kif ukoll il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi għan-negozji, għandhom jgħinu biex jintlaħqu l-oġettivi ewlenin tal-UE: suq Uniku aktar integrat, li jippromwovi tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija ekoloġika u diġitali u jagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku b'koeżjoni soċjali;

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-konsum privat jirrappreżenta aktar minn nofs il-PDG tal-UE, li jagħmel in-nefqa tal-konsumatur l-akbar komponent uniku tiegħu; FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li d-deċiżjonijiet ta' xiri tal-konsumatur għandhom impatt kbir fuq l-ekonomija u l-impjiegi;

Filwaqt LI JIRRIKONOXXU li ċerti prattiki kummerċjali, bħall-offerta ta' prodotti għall-konsumatur mingħajr informazzjoni ċara u prominenti għall-konsumatur, jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv it-trasparenza tal-prezzijiet u t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmat tal-konsumatur;

FILWAQT LI JENFASIZZA li d-disponibbiltà u l-affordabbiltà ta' oġġetti u servizzi sostenibbli huma ċentrali mhux biss għall-benesseri tal-konsumatur u l-protezzjoni tal-ambjent, iżda wkoll għall-kompetittività fit-tul, l-awtonomija strateġika u r-reżiljenza akbar tal-Unjoni, u għalhekk għandhom jiġu stimulati, filwaqt li jgħinu biex jinbnew ktajjen tal-valur reżiljenti u sostenibbli;

FILWAQT LI JTENNI l-ħtieġa ta' approċċ orizzontali għall-politika tal-protezzjoni tal-konsumatur, li hija integrata u meqjusa meta jiġu definiti u implimentati politiki oħra tal-UE, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati rigward il-protezzjoni tal-konsumatur;

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. JILQA' l-adozzjoni tad-19 ta' Novembru 2025 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Aġenda tal-Konsumatur 2030 u pjan ta' azzjoni għall-konsumaturi fis-Suq Uniku: "Spinta ġdida għall-protezzjoni tal-konsumatur, il-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli"<sup>8</sup>, li tippreżenta viżjoni għall-politika tal-konsumatur tal-UE mill-2025 sal-2030;
2. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-konsumaturi bħala atturi ekonomiċi li jixprunaw il-kompetizzjoni, l-innovazzjoni u l-progress sostenibbli fid-deċiżjonijiet tal-konsumatur tagħhom; JISSOTTOLINJA l-importanza ta' qafas b'saħħtu u ġust għall-protezzjoni tal-konsumatur, fosthom l-edukazzjoni tal-konsumatur, biex tinżamm u tiżdied il-fiduċja tal-konsumatur u biex jiġu appoġġati deċiżjonijiet infurmati tal-konsumatur, li huwa essenzjali għal ekonomija b'saħħitha. Ikompli JIRRIKONOXXI d-dimensjoni soċjali, protettiva u stabbilizzanti intrinsika tal-politika tal-konsumatur;
3. JAPPOĠĠA l-erba' oqsma ta' prijorità ewlenin tal-Aġenda tal-Konsumatur 2030 – it-tlestija tas-Suq Uniku: pjan ta' azzjoni għall-konsumaturi, il-ġustizzja diġitali u l-protezzjoni tal-konsumatur online; konsum sostenibbli, u infurzar u rimedju aktar effettivi fir-regoli dwar is-sikurezza tal-konsumaturi u tal-prodotti; JAPPOĠĠA ż-żewġ prijoritajiet ġenerali tal-Aġenda tal-Konsumatur 2030 – il-protezzjoni tal-konsumaturi f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, kif ukoll l-azzjonijiet ta' akkumpanjament maħsuba biex jiżguraw u jsaħħu l-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fl-UE, biex jitrawmu l-kompetittività, il-ġustizzja soċjali u t-tkabbir sostenibbli;

---

<sup>8</sup> COM(2025) 848 final.

4. JIRRIKONOXXI li hemm ostakli mhux ġustifikati fis-Suq Uniku, b'hal diffikultajiet fix-xiri ta' servizzi ta' mobbiltà transfruntiera, Restrizzjonijiet tal-Provvista Territorjali mhux ġustifikati u ostakli għall-aċċess għal servizzi finanzjarji fi Stat Membru ieħor, li jipprevjenu lill-konsumaturi milli jieħdu vantaġġ sħiħ mill-benefiċċji li għandu x'joffri s-Suq Uniku, u JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tindirizza dawk l-ostakli; JAPPELLA lill-Kummissjoni tqis, fl-evalwazzjoni tagħha tar-Regolament dwar l-Imblukkar Ġeografiku, li xi konsumaturi, b'mod partikolari dawk li jgħixu fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, ikomplu jiffaċċaw ostakli speċifiċi meta jixtru oġġetti; JAPPELLA lill-Kummissjoni tqis ukoll li l-abitanti f'xi żoni soġġetti għal fluttwazzjonijiet staġjonali sinifikanti fil-popolazzjoni jaffaċċaw sfidi speċifiċi, mingħajr preġudizzju għall-kompetittività tas-settur tat-turiżmu u t-Trattati, u b'kont meħud tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni u l-qafas legali eżistenti tal-Unjoni;
5. IFAKKAR li għandhom jitqiesu r-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-konsumatur meta jiġu definiti u implimentati attivitajiet u politiki u attivitajiet oħra tal-Unjoni; JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li jiġu żgurati l-koerenza, is-sinerġija u l-komplementarjetà bejn il-liġijiet tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, speċjalment id-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali<sup>9</sup> u l-Ġabra tar-Regoli Diġitali tal-UE, inkluż l-Att dwar is-Servizzi Diġitali<sup>10</sup>, l-Att dwar l-IA<sup>11</sup>, id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva<sup>12</sup> u l-Att dwar is-Swieq Diġitali<sup>13</sup>, sabiex jiġi ssalvagwardat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u kundizzjonijiet ekwi b'mod ġenerali fl-ambjent diġitali;

---

<sup>9</sup> Id-Direttiva 2005/29/KE.

<sup>10</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/2065.

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1689.

<sup>12</sup> Id-Direttiva 2010/13/UE.

<sup>13</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/1925.

6. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġu indirizzati lakuni regolatorji eżistenti, inkluż fir-rigward tal-infurzar u l-inċertezza legali potenzjali, abbażi tas-sejbiet tal-Kontroll tal-Idoneità tal-Liġi tal-Konsumatur tal-UE dwar il-Ġustizzja Diġitali<sup>14</sup> sabiex tissaħħaħ aktar il-protezzjoni tal-konsumaturi fl-ambjent diġitali kontra prattiki bħal disinn ta' interfaċċa qarrieqi jew manipulattiv (dark patterns), karatteristiċi tad-disinn li joħolqu dipendenza, prattiki problematiċi mill-influwenzaturi, personalizzazzjoni inġusta li tisfrutta l-vulnerabbiltajiet tal-konsumaturi, prattiki ta' pprezzar dinamiku mhux trasparenti u karatteristiċi problematiċi oħra fil-prodotti diġitali; JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi Att dwar l-Ekwità Diġitali (DFA) biex jintlaħqu dawn l-oġettivi filwaqt li tibni fuq il-qafas legali eżistenti tal-UE u f'sinerġija miegħu; JILQA' l-fatt li d-DFA ser ikollu wkoll l-għan li jissimplifika r-regoli għan-negozji; JISSOTTOLINJA l-importanza li l-miżuri kollha jevitaw burokrazija ġdida bla bżonn;
7. JIRRIKONOXXI li filwaqt li karatteristiċi bħall-età jew id-diżabbiltà jagħmlu lil xi konsumaturi vulnerabbli, il-vulnerabbiltà tal-konsumatur hija kunċett dinamiku, li jista' jirriżulta wkoll minn ċirkostanzi personali avversi li, jekk ikunu soġġetti għal sfruttament kummerċjali inġust, jintensifikaw l-asimmetriji fl-informazzjoni u l-iżbilanċi strutturali fir-relazzjonijiet bejn in-negozji u l-konsumaturi, u jistgħu jaffettwaw materjalment l-imġiba tal-konsumatur; JISSOTTOLINJA li l-għoli tal-ħajja għoli, li huwa ta' tħassib għal ħafna konsumaturi, kif ukoll in-nuqqas ta' ħiliet diġitali jew il-litteriżmu diġitali limitat, jistgħu jirriżultaw ukoll f'vulnerabbiltà tal-konsumatur; JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li jiġu evitati u indirizzati prattiki ta' pprezzar mhux trasparenti li jaffettwaw oġġetti u servizzi essenzjali, b'mod partikolari matul emerġenzi ddikjarati;
8. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi kollha, b'attenzjoni partikolari għal dawk l-aktar vulnerabbli, speċjalment il-minorenni, li jirrikjedu salvagwardji msaħħa fl-ambjent diġitali; JAPPELLA lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-minorenni online bi ttejjija għad-DFA;

---

<sup>14</sup> SWD(2024) 230 final

9. IHEĠĠĠĠ lill-Kummissjoni tkompli l-ħidma tagħha biex tippermetti lill-konsumaturi jkollhom rwol aktar attiv fil-bidla lejn ekonomija ċirkolari, billi tippromwovi offerti ċirkolari sikuri, sostenibbli, affordabbli u affidabbli, inkluż oġġetti użati, imsewwija, rinnovati u manifatturati mill-ġdid u mudelli ta' prodott bħala servizz, billi tindirizza l-ostakli soċjali u tal-imġiba għall-adozzjoni tagħhom, billi tindirizza l-mudelli ta' negozju li jinkoraġġixxu l-konsum żejjed u jqajmu tħassib dwar is-sostenibbiltà, billi trawwem soluzzjonijiet ta' kummerċ elettroniku "ekoloġiċi mid-disinn" u billi tippermetti aċċess faċli għal informazzjoni rilevanti dwar il-prodotti permezz ta' Passaporti Diġitali tal-Prodotti u media durabbli oħra; IFAKKAR li l-asserzjonijiet ambjentali qarrieqa jitqiesu bħala prattiki kummerċjali żleali u diġà huma pprojbiti skont id-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali; JISĦAQ FUQ, fost l-oħrajn, l-importanza tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Għoti tas-Setgħa lill-Konsumaturi għat-Tranżizzjoni Ekoloġika<sup>15</sup>, li tintroduċi regoli speċifiċi biex jiġi żgurat li l-asserzjonijiet ambjentali u t-tikketti tas-sostenibbiltà jkunu ċari, ġusti, jinftiehm u affidabbli, u b'hekk jippermettu lill-kummerċjanti joperaw b'kundizzjonijiet ekwi u jippermettu lill-konsumaturi jieħdu deċizzjonijiet infurmati u jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika tal-UE lejn ekonomija ċirkolari u nadifa;
10. JAQBEL mal-għan u JENFASIZZA l-importanza tat-tiħiħ tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar konsistenti u effettivi tar-regoli tal-UE dwar is-sigurtà tal-konsumatur u tal-prodotti, JAPPELLA għal kooperazzjoni mill-qrib fost l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji tal-Istati Membri inkluż permezz tat-tiħiħ tas-sinerġiji bejn l-għodod tas-sorveljanza tas-suq, u l-promozzjoni tal-involvement attiv tal-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u l-atturi rilevanti kollha tas-suq tul il-katina tal-valur, fejn applikabbli u JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex jużaw b'mod attiv is-sistema Safety Gate stabbilita mir-Regolament dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti<sup>16</sup> biex jirrapportaw prodotti mhux sikuri;

---

<sup>15</sup> Id-Direttiva (UE) 2024/825

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/988.

11. JISSOTTOLINJA l-potenzjal tal-IA fil-protezzjoni tal-konsumatur u l-infurzar tas-sikurezza tal-prodotti, inkluż l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, u l-ħtieġa li l-awtoritajiet ikunu jistgħu jużaw l-IA sal-potenzjal sħiħ tagħha u jibnu kapaċitajiet ta' infurzar aktar b'saħħithom; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kapaċitajiet diġitali għall-iżvilupp u l-operat ta' għodod moderni ta' investigazzjoni għall-awtoritajiet tal-infurzar u tas-sorveljanza tas-suq, kif ukoll għodod immirati lejn is-salvagwardja tal-minorenni fl-ambjent diġitali;
12. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jissaħħaħ l-infurzar tal-liġi tal-konsumatur u li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni għan-negozji, inkluż permezz ta' koordinazzjoni mtejbja fost l-awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni, filwaqt li JIRRIKONOXXI s-sistemi differenti ta' infurzar fl-Istati Membri; JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li tittieħed azzjoni biex jissaħħaħ l-infurzar, speċjalment fir-rigward ta' każijiet ta' ksur mifruxa u JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi revizzjoni tar-Regolament dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi<sup>17</sup> u li tivvaluta għażliet differenti għat-titjib tal-effettività tal-infurzar, inkluż il-possibbiltà ta' setgħat ċentralizzati ta' investigazzjoni u infurzar fil-livell tal-UE f'każijiet speċifiċi;
13. JAPPELLA lill-Kummissjoni tespandi l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'kuntatti bilaterali jew multilaterali, filwaqt li ssaħħaħ il-ħidma konġunta fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur, inkluż l-iżgurar li prodotti sikuri biss jitqiegħdu fis-Suq Uniku u li l-konsumaturi jkollhom aċċess għal prodotti sikuri mibjugħa online u offline, b'attenzjoni partikolari għall-volum dejjem jikber ta' kunsinni ta' valur baxx li joriġinaw minn pajjiżi terzi u mibjugħa online, b'mod partikolari minn pjattaformi online, u li joħlqu sfidi speċifiċi għas-sorveljanza tas-suq, il-kontrolli doganali u l-kompetizzjoni ġusta;

---

<sup>17</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2394.

14. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiżgura li, meta tnejni inizjattivi ġodda, in-natura orizzontali tal-liġi tal-konsumatur tiġi ppreservata, il-koerenza u l-komplementarjetà mal-atti leġiżlattivi eżistenti jiġu żgurati billi jiġu evitati duplikazzjonijiet, il-ħtieġa għal proposti leġiżlattivi tiġi vvalutata bir-reqqa u l-proposti jkunu sostnuti b'valutazzjonijiet tal-impatt xierqa f'konformità mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, inkluż il-valutazzjoni tal-infurzabbiltà;
15. JAPPELLA lill-Kummissjoni tiżgura li, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, inizjattivi ġodda jkunu allinjati mal-objettiv ġenerali tal-Unjoni ta' simplifikazzjoni u ma jirriżultawx f'piż amministrattiv bla bżonn, b'mod partikolari għall-SMEs, filwaqt li jiġi żgurat li s-soluzzjonijiet diġitali mfassla biex jintlaħaq dan l-għan ma jirriżultawx fl-esklużjoni tal-konsumaturi u li alternattivi mhux diġitali xierqa jibqgħu disponibbli, meta jkun meħtieġ;
16. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' aċċess faċli, affordabbli u effettiv għal rimedju għall-konsumaturi f'każ ta' tilwim permezz ta' mekkaniżmu modernizzat għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti għall-konsumaturi li jkun adattat ukoll għas-swieq diġitali kif previst mid-Direttiva riveduta dwar is-Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim<sup>18</sup> u permezz ta' mekkaniżmi għal azzjonijiet kollettivi għal rimedju kif previst fid-Direttiva dwar l-Azzjonijiet Rappreżentattivi<sup>19</sup>;

---

<sup>18</sup> Id-Direttiva (UE) 2025/2647.

<sup>19</sup> Id-Direttiva (UE) 2020/1828.

17. JISSOTTOLINJA r-rwol attiv tal-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u n-Network ta' Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi bħala atturi importanti fl-infurzar, fejn applikabbli, u fis-sensibilizzazzjoni, fid-difiża tal-interessi tal-konsumaturi, u fl-għoti ta' informazzjoni, edukazzjoni u appoġġ lill-konsumaturi; JENFASIZZA l-importanza tal-edukazzjoni tal-konsumatur, inkluż il-litteriżmu finanzjarju u s-sensibilizzazzjoni fl-għażliet tax-xiri, bħala għodda ewlenija biex il-konsumaturi jingħataw is-setgħa, jissaħħu l-inklużjoni u r-reżiljenza, u biex jiġi appoġġat it-teħid ta' deċiżjonijiet infurmat, b'mod partikolari fis-swieq diġitali u finanzjarji; JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tappoġġa l-moviment tal-konsumatur bħala parti integrali tas-soċjetajiet demokratiċi, u JISĦAQ FUQ l-importanza tal-involvement adegwat tas-soċjetà ċivili u l-entitajiet indipendenti fil-promozzjoni tal-interessi tal-konsumatur;
18. JAPPROVA l-approċċ transsettorjali u olistiku meħud fl-Aġenda tal-Konsumatur 2030, li huwa partikolarment importanti għat-tiżni tas-Suq Uniku u l-indirizzar tal-isfidi tal-kummerċ elettroniku u JISSOTTOLINJA l-importanza li jitqiesu l-interessi tal-konsumatur u l-awtonomizzazzjoni fit-tfassil tal-politika rilevanti kollu;

19. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżgura qafas ta' governanza attiv għall-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-Konsumatur 2030, billi tikkoopera mal-Istati Membri, kif ukoll mas-soċjetà ċivili u mal-partijiet ikkonċernati l-oħra kollha; JENFASIZZA l-utilità ta' tali qafas ta' governanza biex jadatta u jirrispondi għal kwistjonijiet emerġenti b'mod aġli;
20. JAGĦRAF l-importanza ta' politiki nazzjonali komprensivi tal-konsumatur li jallinjaw mal-prijoritajiet u jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-Konsumatur 2030, li jiffurmaw parti minn approċċ komuni u msaħħaħ għall-protezzjoni tal-konsumatur madwar l-Unjoni, filwaqt li jipprevjenu wkoll il-frammentazzjoni regolatorja; JISĦAQ li l-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku jiddependi dejjem aktar fuq il-konverġenza tal-prattiki tal-infurzar, il-kondiviżjoni tal-għodod, tad-data u tal-għarfien espert u l-kapaċità kollettiva li jiġu indirizzati l-isfidi transfruntiera u sistemiċi; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiegħu rwol proattiv fl-appoġġ ta' dan l-approċċ billi trawwem kooperazzjoni strutturata u fit-tul, tippromwovi l-akkomunament tal-kapaċitajiet u r-riżorsi, u tiżgura li l-protezzjoni tal-konsumatur tingħata prijorità adegwata madwar l-Unjoni, filwaqt li tirrispetta l-kompetenzi nazzjonali.

---